IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.7.2021
COM(2021) 444 final

2021/0193 (BUD)

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 4**
**TAL-BAĠIT ĠENERALI 2021**

**Aġġornament tad-dħul wara d-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea, il-previżjonijiet riveduti tar-riżorsi proprji u dħul ieħor**

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea[1], li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021,

– ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (...)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, kif adottat fit-18 ta' Diċembru 2020[3],

– il-baġit emendatorju Nru 1/2021[4], adottat fit-18 ta' Mejju 2021,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2021[5], adottat fit-22 ta' Jannar 2021,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2021[6], adottat fil-15 ta' April 2021,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 4/2021 tal-baġit tal-2021.

## TIBDIL FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL SKONT IT-TAQSIMA

It-tibdil fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u fit-taqsima III huma disponibbli fil-EUR-Lex (https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm).

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2014/335/UE, Euratom, ĠU L 424, 15.12.2020.

2 ĠU L 193, 30.7.2018.

3 ĠU L 93, 17.3.2021.

4 ĠU L XXX, XX.X.2020.

5 COM(2021) 30 final.

6 COM(2021) 270 final.

# WERREJ


**1. INTRODUZZJONI ..... 3**

**2. AĠĠORNAMENT TAD-DĦUL ..... 4**

**2.1 IMPATT ĠENERALI TAL-ABE 4/2021 FUQ ID-DISTRIBUZZJONI TAL-PAGAMENTI TOTALI TAR-RIŻORSI PROPRJI BEJN L-ISTATI MEMBRI** ..... 4

**2.2 REVIŻJONI TAL-PREVIŻJONIJIET TAR-RPT U TAL-BAŻIJIET TAL-VAT U TAL-ING** ..... 5

**2.3 AĠĠUSTAMENT GĦALL-KOSTIJIET TAL-ĠBIR GĦAR-RPT GĦAS-SENA 2021** ..... 8

**2.4 PREVIŻJONIJIET GĦALL-2021 TA' SKART MHUX IRRIĊIKLAT MILL-IMBALLAĠĠ TAL-PLASTIK** ..... 9

**2.5 TNAQQIS GROSS FIL-KONTRIBUZZJONIJIET ANNWALI BBAŻATI FUQ L-ING** ..... 10

**2.6 IMPATT FUQ IL-KONTRIBUZZJONI GĦAR-RIŻORSA PROPRJA BBAŻATA FUQ L-ING GĦALL-2021** ..... 12

**2.7 KONTRIBUZZJONI TAR-RENJU UNIT** ..... 14

**2.8 MULTI U PAGAMENTI TA' PENALI** ..... 15

**2.9 KONTRIBUZZJONI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-FAĦAM U L-AZZAR** ..... 15

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. INTRODUZZJONI

L-għan tal-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 4 għas-sena 2021 huwa li jaġġorna n-naħa tad-dħul tal-baġit biex jitqiesu l-aħħar żviluppi:

- id-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem, DRP 2020), applikabbli mill-1 ta' Jannar 2021;
- it-previżjonijiet aġġornati tar-riżorsi proprji għall-baġit tal-2021 li ġew approvati mill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji (KKRP) fis-26 ta' Mejju 2021. Dan l-aġġornament tipikament jiġi ppreżentat ftit wara l-laqgħa dwar il-previżjonijiet tal-KKRP, f'konformità mal-aspettattivi tal-Istati Membri li l-aġġornamenti tal-KKRP jiġu bbaġitjati malajr kemm jista' jkun;
- biex jiġi aġġornat dħul ieħor bħall-kontribuzzjoni tar-Renju Unit, multi u oħrajn.

L-ABE attwali jkopri l-aġġustamenti għall-2021 relatati mad-dispożizzjonijiet il-ġodda introdotti mid-DRP 2020.

Peress li d-DRP 2020 tapplika mill-1 ta' Jannar 2021, l-ammonti li l-Istati Membri kellhom jagħmlu disponibbli għas-sena 2021 skont id-DRP 2020 jitqabblu mal-ammonti li diġà saru disponibbli għall-2021 abbażi tad-Deċiżjoni 2014/335/UE[7], Euratom (minn hawn' il quddiem, DRP 2014) preċedenti. Il-kalkolu huwa bbażat fuq l-aħħar previżjonijiet disponibbli għall-2021, li ġew approvati mill-Istati Membri fil-181 laqgħa tal-KKRP fis-26 ta' Mejju 2021.

It-tibdil ewlieni introdott mid-DRP 2020 huwa:

- iż-żieda fil-limiti massimi tar-riżorsi proprji;
- żieda fir-rata ta' kostijiet tal-ġbir għal dazji doganali għall-Istati Membri (25 % minflok 20 % skont id-DRP 2014);
- rata uniformi ta' ġbir tal-VAT mingħajr eċċezzjoni u definizzjoni simplifikata tal-bażi tal-VAT;
- riżorsa proprja ġdida bbażata fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat; kif ukoll
- tnaqqis gross modifikat fir-riżorsa proprja bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross (ING) għad-Danimarka, il-Ġermanja, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Iżvezja.

*Bidla fil-limiti massimi tar-riżorsi proprji*

Il-baġit huwa ffinanzjat mir-riżorsi proprji u minn dħul ieħor. L-ammont kumplessiv tar-riżorsi proprji meħtieġa għall-iffinanzjar tal-baġit jiġi ddeterminat mill-ammont tan-nefqa totali bit-tnaqqis ta' dħul ieħor.

Id-DRP 2020 tistabbilixxi l-limitu massimu globali għar-riżorsi proprji fl-2021 għal 1,40% tal-ING totali tal-UE u l-ammont massimu għall-impenji għal 1,46% tal-ING tal-UE. Iż-żewġ limiti massimi huma temporanjament miżjuda b'0,6 punti perċentwali biex ikopru l-obbligazzjonijiet kollha tal-Unjoni li jirriżultaw mis-self għal NextGenerationEU sa meta dawn l-obbligazzjonijiet kollha ma jibqgħux jeżistu, u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2058.

L-ammont totali ta' riżorsi proprji (it-Titolu 1 fil-parti tal-baġit dwar id-dħul) meħtieġa biex jiġu ffinanzjati l-approprjazzjonijiet għal pagamenti fil-Baġit 2021 huwa ekwivalenti għal 1,13 % tal-ING

[7] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105).

tal-UE. Huwa kważi esklussivament relatat mal-finanzjament tan-nefqa li tinqata' mill-limitu massimu permanenti għar-riżorsi proprji, ta' 1,40 % tal-ING tal-UE, u jħalli marġni ta' 0,27 % tal-ING tal-UE. L-ammont ta' riżorsi proprji għall-finanzjament ta' obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn NextGenerationEU u li jinqatgħu miż-żieda temporanja ta' 0,6 % tal-ING tal-UE huwa marġinali fl-2021 (jiġifieri inqas minn 0,0003 % tal-ING tal-UE).

## 2. AĠĠORNAMENT TAD-DĦUL

### 2.1 Impatt ġenerali tal-ABE 4/2021 fuq id-distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji bejn l-Istati Membri

Il-previżjonijiet riveduti għall-2021 li ġew miftiehma fil-181 laqgħa tal-KKRP fis-26 ta' Mejju 2021 huma bbażati fuq id-DRP 2020. L-aġġustamenti li ġejjin min-naħa tad-dħul tal-baġit huma meħtieġa:

– aġġornament tal-istimi għar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT) kif ukoll għar-riżorsi proprji bbażati fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) u fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING), biex jitiqesu l-previżjonijiet ekonomiċi aktar reċenti u d-dispożizzjonijiet il-ġodda fid-DRP 2020;

– l-introduzzjoni ta' riżorsa proprja ġdida bbażata fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat; kif ukoll

– l-introduzzjoni tat-tnaqqis gross fil-kontribuzzjonijiet annwali bbażati fuq l-ING għad-Danimarka, il-Ġermanja, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Iżvezja.

Dawn l-aġġustamenti huma ppreżentati fit-taqsimiet 2.2-2.5.

Barra minn hekk, l-ammont ta' dħul ieħor huwa aġġornat biex iqis il-kontribuzzjoni riveduta tar-Renju Unit, il-multi msarrfa definittivament u l-pagamenti ta' penali sa Ġunju 2021, u l-kontribuzzjoni mill-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar fir-rigward tar-rimborż tas-sehem tar-Renju Unit mill-assi netti lir-Renju Unit (ara t-taqsimiet 2.7, 2.8 u 2.9 rispettivament).

L-impatt globali tal-aġġustamenti kollha tad-dħul ta' dan l-ABE jidher fit-tabella fil-qosor hawn taħt. Din it-tabella turi d-distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji bejn l-Istati Membri: kif ibbaġitjati fil-Baġit 2021, kif inklużi fl-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 3 (ABE 3/2021)[8], u finalment kif inklużi f'dan l-ABE 4/2021.

**Distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji skont l-Istati Membri (f'miljuni ta' EUR)**

| | **Baġit 2021** | **ABE 3/2021** | **ABE 4/2021** |
|---|---|---|---|
| | (1) | (2) | (3) |
| **BE** | 6 898,2 | 6 993,0 | 6 941,8 |
| **BG** | 704,8 | 716,8 | 770,3 |
| **CZ** | 2 290,3 | 2 329,7 | 2 509,3 |
| **DK** | 3 482,3 | 3 544,9 | 3 432,8 |
| **DE** | 39 776,9 | 40 483,3 | 38 000,1 |
| **EE** | 323,4 | 328,9 | 348,1 |
| **IE** | 2847,4 | 2 899,4 | 3 282,9 |
| **EL** | 2 044,5 | 2 080,0 | 2 019,7 |
| **ES** | 13 629,4 | 13 868,2 | 14 255,2 |
| **FR** | 26 783,9 | 27 272,1 | 28 413,5 |

[8] COM(2021) 270 final, 15.4.2021

| | | | |
|---|---|---|---|
| **HR** | 566,5 | 576,6 | 608,0 |
| **IT** | 19 086,3 | 19 430,0 | 20 090,4 |
| **CY** | 239,9 | 244,0 | 250,6 |
| **LV** | 348,7 | 354,8 | 368,1 |
| **LT** | 580,6 | 590,1 | 612,8 |
| **LU** | 486,5 | 495,5 | 482,9 |
| **HU** | 1 526,0 | 1 552,3 | 1 756,0 |
| **MT** | 142,2 | 144,6 | 149,3 |
| **NL** | 10 552,0 | 10 708,0 | 9 858,9 |
| **AT** | 4 240,5 | 4 319,0 | 3 817,2 |
| **PL** | 5 821,2 | 5 917,8 | 6 609,1 |
| **PT** | 2 325,1 | 2 365,9 | 2 530,0 |
| **RO** | 2 355,9 | 2 399,1 | 2 596,4 |
| **SI** | 572,8 | 582,2 | 584,0 |
| **SK** | 1 017,7 | 1 036,3 | 1 070,9 |
| **FI** | 2 552,7 | 2 599,7 | 2 734,7 |
| **SE** | 5 173,5 | 5 265,9 | 4 985,1 |
| **UE** | **156 369,2** | **159 098,1** | **159 078,1** |
| **UK** | 498,0 | 498,0 | 462,2 |
| **UE + UK** | **156 867,4** | **159 596,2** | **159 540,3** |

## 2.2 Reviżjoni tal-previżjonijiet tar-RPT u tal-bażijiet tal-VAT u tal-ING

F'konformità mal-Artikolu 44(1)(b) tar-Regolament finanzjarju[9], il-Kummissjoni tipproponi li tirrevedi l-finanzjament tal-baġit abbażi ta' previżjonijiet ekonomiċi aktar reċenti. Skont il-prattika stabbilita, il-previżjonijiet riveduti tad-dħul ġew miftiehma mal-Istati Membri fil-proċedura ta' previżjoni tal-KKRP. Barra minn hekk, din is-sena r-reviżjoni tqis ukoll id-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021 tad-DRP 2020, applikabbli mill-1 ta' Jannar 2021.

Ir-reviżjoni tikkonċerna l-previżjonijiet tar-RPT li jridu jitħallsu lill-baġit fl-2021 kif ukoll il-previżjonijiet tal-bażijiet tal-VAT u tal-ING għall-2021. Il-previżjonijiet fil-Baġit 2021 ġew approvati fil-178 laqgħa tal-KRRP, li saret bi proċedura bil-miktub mid-19-25 ta' Mejju 2020. Ir-reviżjoni fl-ABE 4/2021 tikkunsidra l-previżjonijiet approvati fil-181 laqgħa tal-KKRP abbażi tad-DRP 2020. L-użu ta' previżjonijiet aġġornati tar-riżorsi proprji jtejjeb il-preċiżjoni tal-previżjonijiet tad-dħul u konsegwentement tal-pagamenti li l-Istati Membri huma mitluba jagħmlu għall-baġit tal-UE matul is-sena baġitarja.

Il-projezzjonijiet tad-dħul tal-Kummissjoni huma bbażati fuq it-tbassir ekonomiku tar-Rebbiegħa 2021[10] tal-Kummissjoni, li jipprevedi li l-ekonomija tal-UE se terġa' lura għal-livell tagħha ta' qabel il-kriżi sa tmiem l-2022. Wara t-tnaqqis storiku fl-ewwel parti tal-2020 u pass ieħor lura lejn l-aħħar tal-2020, il-pandemija għadha qed twitti t-triq għall-2021–2022. Madankollu, l-irkupru diġà għaddej.

[9] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1-222).

[10] Il-Kummissjoni Ewropea, 2021, Tbassir Ekonomiku Ewropew tar-Rebbiegħa 2021, Ekonomija Ewropea, Dokument Istituzzjonali 149.

Hekk kif il-miżuri ta' konteniment huma gradwalment rilaxxati u t-tilqim miexi 'l quddiem, huwa mistenni li l-attività ekonomika taċċellera fit-tielet trimestru u tibqa' solida fl-aħħar kwart tal-2021. Kollox ma kollox, l-ekonomija tal-UE hija mbassra li tikber b'4,2 % f'termini reali fl-2021. L-irkupru mistenni fl-attività globali u l-kummerċ, u l-impuls tat-tkabbir ta' NextGenerationEU, jikkontribwixxu għall-perspettiva aktar pożittiva għall-Istati Membri kollha.

Ix-xenarju ekonomiku li fuqu huwa bbażat il-baġit tal-2021 huwa kkonfermat b'mod ġenerali mill-aħħar stimi:

– Issa huwa previst li d-dazji doganali totali li għandhom jinġabru fl-2021, nett minn 25 % tal-kostijiet tal-ġbir[11] u inklużi l-pagamenti attwali tar-Renju Unit[12], ikunu ta' EUR 17 348,1 miljun, u dan jirrappreżenta tnaqqis ta' 1,46 % meta mqabbel mal-previżjonijiet ta' EUR 17 605,7 miljun inklużi fil-baġit tal-2021. Il-Kummissjoni qabblet ir-riżultati tal-metodu ta' previżjoni tradizzjonali tal-KKRP (ibbażat fuq ir-rati ta' tkabbir imbassra ta' importazzjonijiet barra l-UE) mar-riżultati tal-metodu ta' estrapolazzjoni (ibbażat fuq l-aħħar *data* tal-eżitu għad-dazji doganali miġbura, jiġifieri Jannar – April 2021). Il-metodu tradizzjonali jidher li huwa aktar xieraq biex jagħti rendikont tal-irkupru ekonomiku ġdid, milli l-metodu ta' estrapolazzjoni, li – billi jħares lura – ma jirreġistrax ix-xejra fid-direzzjoni opposta mistennija. Min-naħa l-oħra, l-previżjoni tradizzjonali hija assoċjata ma' inċertezza dwar iż-żmien u s-saħħa tal-irkupru u meta u dwar kemm se jiġi stimulat il-kummerċ. Għalhekk, fil-laqgħa tal-KKRP ġie miftiehem li għar-reviżjoni tal-previżjonijiet tar-RPT għall-2021, jintuża l-valur medju tal-previżjonijiet tradizzjonali u dawk tal-estrapolazzjoni. Dan jippermetti li jitqies l-irkupru emerġenti u li tiġi żgurata ġestjoni baġitarja soda.

– Il-bażi totali tal-VAT mhux limitata tal-UE għall-2021 issa hija prevista li tkun ta' EUR 6 007 338,8 miljun, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 0,25 % meta mqabbla mat-tbassir ta' Mejju tal-2020 ta' EUR 6 022 498,8 miljun. Il-bażi totali tal-VAT *limitata* tal-UE għall-2021[13] hija prevista li tkun EUR 5 980 264,0 miljun, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 0,15 % meta mqabbla mat-tbassir ta' Mejju 2020 ta' EUR 5 989 163,8 miljun. Il-previżjonijiet aġġornati jqisu d-definizzjoni simplifikata tal-bażi tal-VAT kif ipprovduta mid-DRP 2020.

– Il-bażi totali tal-ING tal-UE għall-2021 hija prevista għal EUR 14 068 521,0 miljun, jiġifieri żieda ta' 0,43 % meta mqabbla mat-tbassir ta' Mejju 2020 ta' EUR 14 007 758,4 miljun.

Ir-rati tal-kambju tal-31 ta' Diċembru 2020 intużaw biex il-previżjonijiet tal-bażijiet tal-VAT u l-ING jinqalbu mill-munita nazzjonali għall-euro (għat-tmien Stati Membri li mhumiex membri fiż-Żona tal-Euro). Dan jevita d-distorsjonijiet peress li din hija r-rata li tintuża sabiex il-pagamenti bbaġitjati tar-riżorsi proprji jinqalbu minn euro għall-munita nazzjonali meta dawn l-ammonti jinġabru (kif stipulat fl-Artikolu 10a(1) tar-Regolament tal-Kunsill 609/2014[14]).

Il-previżjonijiet riveduti tar-RPT, tal-bażijiet tal-VAT mhux limitati u tal-bażijiet tal-ING għall-2021, kif adottati fil-181 laqgħa tal-KKRP , huma ppreżentati fit-tabella li ġejja:

[11] Il-kostijiet tal-ġbir fl-ewwel xahrejn tal-2021 għadhom 20 % (abbażi tad-DRP 2014) minħabba dewmien ta' xahrejn bejn il-ġbir tad-dazji doganali u t-tqegħid tagħhom għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-UE.

[12] Fl-2021, ir-Renju Unit ħallas f'Jannar-Frar id-dazji doganali miġbura f'Novembru-Diċembru 2020.

[13] Id-DRP 2020 jistipula li għal kull Stat Membru l-bażi tal-VAT ma għandhiex taqbeż il-50 % tal-ING. Għall-ABE 4/2021, il-Kroazja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta u l-Portugall se jkollhom il-bażi tal-VAT tagħhom limitata għal 50 % tal-ING.

[14] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tar-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39).

**Previżjonijiet riveduti tar-RPT, tal-bażijiet tal-VAT u tal-ING għall-2021 (f'miljuni ta' EUR)**

| | Dwana (75%) | Bażijiet tal-VAT mhux limitati | Bażijiet tal-ING | Bażijiet tal-VAT limitati[15] |
|---|---|---|---|---|
| BE | 1 888,4 | 196 802,8 | 480 972,5 | 196 802,8 |
| BG | 85,5 | 31 260,4 | 63 455,1 | 31 260,4 |
| CZ | 244,0 | 90 876,1 | 215 690,5 | 90 876,1 |
| DK | 331,1 | 124 558,2 | 333 000,2 | 124 558,2 |
| DE | 3 792,8 | 1 472 093,3 | 3 590 155,4 | 1 472 093,3 |
| EE | 32,6 | 13 680,3 | 28 103,0 | 13 680,3 |
| IE | 229,9 | 94 872,6 | 292 535,4 | 94 872,6 |
| EL | 198,6 | 78 327,3 | 171 568,7 | 78 327,3 |
| ES | 1 311,2 | 551 677,5 | 1 204 982,9 | 551 677,5 |
| FR | 1 619,6 | 1 133 169,8 | 2 470 396,1 | 1 133 169,8 |
| HR | 36,9 | 34 656,2 | 53 031,3 | 26 515,7 |
| IT | 1 551,0 | 686 238,0 | 1 754 774,7 | 686 238,0 |
| CY | 25,2 | 15 517,10 | 21 218,1 | 10 609,1 |
| LV | 37,7 | 13 544,60 | 30 672,7 | 13 544,6 |
| LT | 98,2 | 20 474,70 | 49 349,4 | 20 474,7 |
| LU | 18,9 | 31 810,70 | 42 997,7 | 21 498,9 |
| HU | 173,5 | 56 875,00 | 140 180,2 | 56 875,0 |
| MT | 12,5 | 7 431,50 | 12 381,4 | 6 190,7 |
| NL | 3 111,6 | 349 683,60 | 829 752,3 | 349 683,6 |
| AT | 205,4 | 178 286,20 | 390 523,5 | 178 286,2 |
| PL | 776,9 | 256 446,50 | 523 232,9 | 256 446,5 |
| PT | 160,5 | 107 689,50 | 210 431,8 | 105 215,9 |
| RO | 180,0 | 77 490,00 | 230 574,9 | 77 490,0 |
| SI | 76,3 | 22 102,50 | 48 075,8 | 22 102,5 |
| SK | 78,0 | 36 792,30 | 94 497,9 | 36 792,3 |
| FI | 136,5 | 95 311,40 | 250 175,9 | 95 311,4 |
| SE | 473,0 | 229 670,70 | 535 790,7 | 229 670,7 |
| **UE** | **16 886,0** | **6 007 338,8** | **14 068 521,0** | **5 980 264,0** |
| **UK** | 462,2 | | | |

[15] L-ammonti mmarkati bil-griż jirriżultaw mill-bażijiet tal-VAT limitati, kif spjegat fin-nota 13 ta' qiegħ il-paġna aktar 'il fuq.

## 2.3 Aġġustament għall-kostijiet tal-ġbir għar-RPT għas-sena 2021

Għall-kalkolu tal-finanzjament ta' dan l-abbozz ta' baġit emendatorju, ir-RPT (imposti fuq iz-zokkor u dazji doganali) jikkorrispondu għall-ammonti kif adottati fil-181 laqgħa tal-KKRP fit-26 ta' Mejju 2021, jiġifieri huma ammonti previsti.

Mill-1 ta' Ġunju 2021 (id-data tad-dħul fis-seħħ tad-DRP 2020) 'il quddiem, l-Istati Membri jridu jagħmlu disponibbli r-RPT filwaqt li jqisu l-kostijiet tal-ġbir il-ġodda ta' 25 %.

Peress li d-DRP 2020 tapplika mill-1 ta' Jannar 2021, il-kostijiet tal-ġbir (20 % skont id-DRP 2014) għar-RPT magħmula disponibbli għall-Kummissjoni bejn l-1 ta' Marzu 2021 u l-31 ta' Mejju 2021[16] iridu jiġu aġġustati għar-rata miżjuda (25 %). L-ammonti kkonċernati huma indikati fit-tabella ta' hawn taħt u għandhom jiġu rritornati mill-Kummissjoni fl-istess data bħall-implimentazzjoni ta' dan l-abbozz ta' baġit emendatorju, ladarba dan jiġi adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

**Sena baġitarja 2021 (f'EUR)**

| Stat Membru | 5 % tal-imposta fuq iz-zokkor miġbura minn Marzu sa Mejju 2021 | 5 % tad-dazji doganali miġbura minn Marzu sa Mejju 2021 | Total |
|---|---|---|---|
| | (1) | (2) | (3) = (1 +2) |
| BE | — | 25 204 913 | 25 204 913 |
| BG | — | 1 479 180 | 1 479 180 |
| CZ | — | 4 661 203 | 4 661 203 |
| DK | — | 5 450 436 | 5 450 436 |
| DE | 121 767 | 58 175 665 | 58 297 432 |
| EE | — | 602 495 | 602 495 |
| IE | — | 5 615 727 | 5 615 727 |
| EL | — | 3 245 229 | 3 245 229 |
| ES | — | 20 686 972 | 20 686 972 |
| FR | 1 731 | 27 033 109 | 27 034 840 |
| HR | — | 618 319 | 618 319 |
| IT | — | 28 687 399 | 28 687 399 |
| CY | — | 440 664 | 440 664 |
| LV | — | 676 108 | 676 108 |
| LT | — | 1 868 964 | 1 868 964 |
| LU | — | 263 887 | 263 887 |
| HU | — | 2 956 348 | 2 956 348 |
| MT | — | 220 485 | 220 485 |

[16] Il-kostijiet tal-ġbir fl-ewwel xahrejn tal-2021 għadhom 20 %, kif spjegat fin-nota 11 f'qiegħ il-paġna.

| | | | |
|---|---|---|---|
| NL | — | 41 683 100 | 41 683 100 |
| AT | — | 3 514 625 | 3 514 625 |
| PL | — | 14 916 781 | 14 916 781 |
| PT | — | 2 504 152 | 2 504 152 |
| RO | — | 3 200 741 | 3 200 741 |
| SI | — | 1 606 963 | 1 606 963 |
| SK | — | 1 501 351 | 1 501 351 |
| FI | — | 2 086 852 | 2 086 852 |
| SE | — | 7 247 587 | 7 247 587 |
| **Total UE** | **123 498** | **266 149 255** | **266 272 753** |

## 2.4 Previżjonijiet għall-2021 ta' skart mhux irriċiklat mill-imballaġġ tal-plastik

Id-DRP 2020 stabbiliet riżorsa proprja ġdida bbażata fuq l-iskart mhux irriċiklat mill-imballaġġ tal-plastik; din ir-riżorsa proprja ġdida hija introdotta fil-bażita tal-2021.

Il-previżjonijiet għal skart mhux irriċiklat mill-imballaġġ tal-plastik fl-UE ġew approvati fil-181 laqgħa tal-KKRP fis-26 ta' Mejju 2021 u jammontaw għal 8 172 841,5 tunnellata fl-2021.

L-iskart mhux irriċiklat mill-imballaġġ tal-plastik jirriżulta mid-differenza bejn l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik u l-kwantità rriċiklata tiegħu. Il-previżjonijiet tal-iskart mhux irriċiklat mill-imballaġġ huma bbażati fuq il-metodu li ġej: ir-rati ta' tkabbir annwali tal-ING fi prezzijiet kostanti 2017/2018–2021 skont l-aħħar previżjonijiet ekonomiċi disponibbli tal-Kummissjoni huma applikati għall-aħħar *data* tal-eżitu għall-iskart mill-imballaġġ tal-plastik (2018 għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u 2017 għall-Greċja, Malta, in-Netherlands u s-Slovenja).

Huwa preżunt li r-rati ta' riċiklaġġ tal-Istati Membri jsegwu perkors ta' konverġenza lineari bejn ir-rata ta' riċiklaġġ ibbażata fuq l-aħħar *data* disponibbli tal-eżitu (2017/2018) u l-mira ta' riċiklaġġ tal-UE ta' 50 % li għandha tintlaħaq sal-2025. Iż-żieda fir-rati ta' riċiklaġġ hija limitata għal 2 punti perċentwali fis-sena biex jiġi żgurat perkors realistiku ta' konverġenza. Ir-rata ta' riċiklaġġ tal-Istati Membri li diġà laħqu jew qabżu l-mira 2017/2018 tinżamm kostanti.

**Previżjonijiet għall-2021 ta' skart mill-imballaġġ tal-plastik mhux irriċiklat (f'tunnellati)**

| | **Skart tal-plastik mill-imballaġġ li mhuwiex irriċiklat** |
|---|---|
| BE | 188 765,8 |
| BG | 55 217,4 |
| CZ | 113 991,0 |
| DK | 155 649,8 |
| DE | 1 653 958,1 |
| EE | 33 101,3 |
| IE | 182 203,7 |
| EL | 101 292,8 |
| ES | 785 268,6 |
| FR | 1 559 059,4 |

| | |
|---|---|
| HR | 36 471,1 |
| IT | 1 166 477,1 |
| CY | 7 972,4 |
| LV | 26 008,8 |
| LT | 24 671,4 |
| LU | 17 519,7 |
| HU | 231 488,2 |
| MT | 10 744,0 |
| NL | 256 365,0 |
| AT | 185 195,5 |
| PL | 611 296,8 |
| PT | 248 276,5 |
| RO | 220 954,9 |
| SI | 20 773,2 |
| SK | 65 362,7 |
| FI | 86 758,5 |
| SE | 127 997,8 |
| **UE** | **8 172 841,5** |

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri li ġejjin mill-iskart mill-imballaġġ tal-plastik huma ppreżentati fit-Tabella 3 tal-anness baġitarju meħmuż.

## 2.5 Tnaqqis gross fil-kontribuzzjonijiet annwali bbażati fuq l-ING

Id-DRP 2020 tagħti lil ħames Stati Membri tnaqqis gross fil-kontribuzzjonijiet annwali tagħhom ibbażati fuq id-DNG għall-perjodu 2021-2027. It-tnaqqis gross annwali jammonta għal EUR 377 miljun għad-Danimarka, EUR 3 671 miljun għall-Ġermanja, EUR 1 921 miljun għan-Netherlands, EUR 565 miljun għall-Awstrija, u EUR 1 069 miljun għall-Iżvezja. Dawn l-ammonti huma espressi fi prezzijiet tal-2020 u jeħtieġ li jiġu aġġustati għall-prezzijiet kurrenti billi jiġi applikat id-deflatur tal-prodott domestiku gross l-aktar riċenti għall-Unjoni espress f'euro. It-tnaqqis gross huwa ffinanzjat mill-Istati Membri kollha.

It-tabella li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn it-tnaqqis gross u l-finanzjament tiegħu:

**Sena baġitarja 2021 (f'EUR)**

| Stat Membru | Tnaqqis gross | Sehem perċentwali tal-bażi ING | Il-finanzjament tat-tnaqqis gross favur id-Danimarka, il-Ġermanja, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Iżvezja | Il-finanzjament nett tat-tnaqqis favur id-Danimarka, in-Netherlands, il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Iżvezja |
|---|---|---|---|---|
| | (1) | (2) | (3) | (4) = (1 + 3) |
| BE | 0 | 3,42 | 263 254 981 | 263 254 981 |
| BG | 0 | 0,45 | 34 731 448 | 34 731 448 |

| Stat Membru | Tnaqqis gross | Sehem perċentwali tal-bażi ING | Il-finanzjament tat-tnaqqis gross favur id-Danimarka, il-Ġermanja, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Iżvezja | Il-finanzjament nett tat-tnaqqis favur id-Danimarka, in-Netherlands, il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Iżvezja |
|---|---|---|---|---|
| | (1) | (2) | (3) | (4) = (1 + 3) |
| CZ | 0 | 1,53 | 118 055 811 | 118 055 811 |
| DK | - 381 822 181 | 2,37 | 182 263 978 | - 199 558 203 |
| DE | - 3 717 955 506 | 25,52 | 1 965 031 870 | - 1 752 923 636 |
| EE | 0 | 0,20 | 15 381 866 | 15 381 866 |
| IE | 0 | 2,08 | 160 116 017 | 160 116 017 |
| EL | 0 | 1,22 | 93 906 231 | 93 906 231 |
| ES | 0 | 8,57 | 659 534 069 | 659 534 069 |
| FR | 0 | 17,56 | 1 352 143 996 | 1 352 143 996 |
| HR | 0 | 0,38 | 29 026 096 | 29 026 096 |
| IT | 0 | 12,47 | 960 456 533 | 960 456 533 |
| CY | 0 | 0,15 | 11 613 492 | 11 613 492 |
| LV | 0 | 0,22 | 16 788 363 | 16 788 363 |
| LT | 0 | 0,35 | 27 010 849 | 27 010 849 |
| LU | 0 | 0,31 | 23 534 316 | 23 534 316 |
| HU | 0 | 1,00 | 76 726 083 | 76 726 083 |
| MT | 0 | 0,09 | 6 776 822 | 6 776 822 |
| NL | - 1 945 571 377 | 5,90 | 454 155 748 | - 1 491 415 629 |
| AT | - 572 226 876 | 2,78 | 213 748 721 | - 358 478 155 |
| PL | 0 | 3,72 | 286 385 744 | 286 385 744 |
| PT | 0 | 1,50 | 115 177 519 | 115 177 519 |
| RO | 0 | 1,64 | 126 202 623 | 126 202 623 |
| SI | 0 | 0,34 | 26 313 758 | 26 313 758 |
| SK | 0 | 0,67 | 51 722 381 | 51 722 381 |
| FI | 0 | 1,78 | 136 931 013 | 136 931 013 |
| SE | - 1 082 673 505 | 3,81 | 293 259 117 | - 789 414 388 |
| **Total** | **- 7 700 249 445** | **100** | **7 700 249 445** | **0** |

Id-deflatur tal-prezz tal-PDG tal-UE, f'EUR, (tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa 2020) :
(a) 2020 EU27 = 105,9188 / (b) 2021 UE27 = 107,2736

| | |
|---|---|
| Somma f'daqqa għad-Danimarka: fi prezzijiet tal-2021: 377 000 000 EUR x [ (b/a) ] | 381 822 181 EUR |
| Somma f'daqqa għall-Ġermanja: fi prezzijiet tal-2021: 3 671 000 000 EUR x [ (b/a) ] | 3 717 955 506 EUR |
| Somma f'daqqa għan-Netherlands: fi prezzijiet tal-2021: 1 921 000 000 EUR x [ (b/a) ] | 1 945 571 377 EUR |
| Somma f'daqqa għall-Awstrija: fi prezzijiet tal-2021: 565 000 000 EUR x [ (b/a) ] | 572 226 876 EUR |
| Somma f'daqqa għall-Iżvezja: fi prezzijiet tal-2021: 1 069 000 000 EUR x [ (b/a) ] | 1 082 673 505 EUR |

## 2.6 Impatt fuq il-kontribuzzjoni għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING għall-2021

L-impatt tad-DRP 2020 huwa kkalkulat abbażi tal-bagit 2021 (inkluż l-ABE 3/2021), aġġornat bl-aħħar *data* disponibbli għall-bażi tal-ING għall-2021 li ġiet approvata fil-laqgħa tal-KKRP fis-26 ta' Mejju 2021.

Meta titqies iż-żieda fir-rata tal-kostijiet tal-ġbir għar-RPT, il-bażi tal-VAT simplifikata, u r-riżorsa proprja l-ġdida bbażata fuq l-iskart mhux irriċiklat mill-imballaġġ tal-plastik, l-ammont ta' riżorsi proprji għajr l-ING żdied b'EUR 5 542 760 620. Flimkien maż-żieda fid-dħul l-ieħor b'EUR 55 964 750, dan inaqqas il-kontribuzzjoni tal-ING b'EUR 5 598 725 370.

Sabiex jiġi rrispettat il-prinċipju tal-ekwilibriju applikabbli għall-bagit tal-Unjoni Ewropea, ir-rata uniformi li għandha tiġi applikata għas-somma tal-ING kollha tal-Istati Membri trid tiġi kkalkulata mill-ġdid filwaqt li jitqies id-dħul l-ieħor kollu.

Ir-rata uniformi kkalkulata mill-ġdid għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING hija ffissata kif ġej:

Rata uniformi li għandha tiġi applikata fuq 1 % tal-ING = (nefqa totali – dħul ieħor – ammont nett totali tar-RPT – riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT – kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-iskart mhux irriċiklat mill-imballaġġ tal-plastik) / 1 % tal-ING

Rata uniformi:

= (170 557 881 854 – 11 017 622 874 – 17 348 140 020 – 17 940 791 850 – 5 827 020 000) /140 685 210 000

= 0,841767994730932

Il-kontribuzzjonijiet riveduti tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING meta titqies ir-rata uniformi l-ġdida huma stabbiliti fit-tabella li ġejja:

**Sena bagitarja 2021 (f'EUR)**

| Stat Membru | 1% tal-bażi tal-ING użata għall-ABE3/2021 | Rata uniformi tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING (f'%) skont l-ABE3/2021 | 1 % tal-bażi tal-ING DRP 2020 (Previżjonijiet tal-KKRP approvati) | Rata uniformi tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING (bħala %) DRP 2020 | Differenza fl-ING |
|---|---|---|---|---|---|
| | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) = (3 x 4) - (1 x 2) |
| BE | 4 864 031 000 | | 4 809 725 000 | | -257 882 824 |
| BG | 617 870 000 | | 634 551 000 | | -12 910 051 |
| CZ | 2 022 941 000 | | 2 156 905 000 | | 24 525 614 |

| Stat Membru | 1% tal-bażi tal-ING użata għall-ABE3/2021 | Rata uniformi tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING (f'%) skont l-ABE3/2021 | 1 % tal-bażi tal-ING DRP 2020 (Previżjonijiet tal-KKRP approvati) | Rata uniformi tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING (bħala %) DRP 2020 | Differenza fl-ING |
|---|---|---|---|---|---|
| | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) = (3 x 4) - (1 x 2) |
| DK | 3 211 846 000 | 0,8853881 | 3 330 002 000 | 0,8417680 | -40 641 271 |
| DE | 36 264 852 000 | | 35 901 554 000 | | -1 887 690 984 |
| EE | 280 944 000 | | 281 030 000 | | -12 182 427 |
| IE | 2 666 688 000 | | 2 925 354 000 | | 101 415 424 |
| EL | 1 819 032 000 | | 1 715 687 000 | | -166 338 965 |
| ES | 12 257 502 000 | | 12 049 829 000 | | -709 486 584 |
| FR | 25 060 938 000 | | 24 703 961 000 | | -1 393 653 735 |
| HR | 519 832 000 | | 530 313 000 | | -13 852 580 |
| IT | 17 641 425 000 | | 17 547 747 000 | | -848 376 780 |
| CY | 210 748 000 | | 212 181 000 | | -7 986 606 |
| LV | 311 137 000 | | 306 727 000 | | -17 284 040 |
| LT | 485 620 000 | | 493 494 000 | | -14 554 737 |
| LU | 459 919 000 | | 429 977 000 | | -45 265 954 |
| HU | 1 353 414 000 | | 1 401 802 000 | | -18 304 654 |
| MT | 124 136 000 | | 123 814 000 | | -5 685 881 |
| NL | 8 010 440 000 | | 8 297 523 000 | | -107 759 328 |
| AT | 4 029 570 000 | | 3 905 235 000 | | -280 431 679 |
| PL | 4 961 645 000 | | 5 232 329 000 | | 11 425 419 |
| PT | 2 094 027 000 | | 2 104 318 000 | | -82 679 141 |
| RO | 2 218 111 000 | | 2 305 749 000 | | -22 983 475 |
| SI | 483 776 000 | | 480 758 000 | | -23 642 838 |
| SK | 952 528 000 | | 944 979 000 | | -47 903 923 |
| FI | 2 408 894 000 | | 2 501 759 000 | | -26 905 537 |
| SE | 4 745 718 000 | | 5 357 907 000 | | 308 312 167 |
| **Total** | **140 077 584 000** | | **140 685 210 000** | | **-5 598 725 370** |

## 2.7 Kontribuzzjoni tar-Renju Unit

Il-kontribuzzjoni tar-Renju Unit hija kkalkolata fuq il-bażi tal-Artikolu 148 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea[17] u tkopri s-sehem tar-Renju Unit fl-impenji pendenti ta' qabel l-2021 li għandhom jitħallsu fl-2021 kif ukoll sehem ir-Renju Unit fl-obbligazzjonijiet tal-Unjoni (bħal pensjonijiet) u l-obbligazzjonijiet finanzjarji kontinġenti. Il-kontribuzzjoni kumplessiva tar-Renju Unit tinkludi wkoll il-pagamenti li għandhom isiru mill-Unjoni lir-Renju Unit relatati mal-korrezzjonijiet tar-riżorsi proprji u l-aġġustamenti għas-snin finanzjarji sal-2021.

Il-kontribuzzjoni tar-Renju Unit hija bbażata fuq is-sehem tar-Renju Unit[18], li huwa kkalkulat bħala l-proporzjon bejn ir-riżorsi proprji li saru disponibbli mir-Renju Unit fis-snin bejn l-2014 u l-2020 u r-riżorsi proprji li saru disponibbli matul dak il-perjodu mill-Istati Membri kollha u r-Renju Unit. Is-sehem tar-Renju Unit ġie rivedut abbażi tal-kontijiet annwali għall-2020. Għall-2021, is-sehem proviżorju rivedut tar-Renju Unit huwa ta' 12,358072326018200 %. Dan is-sehem se jiġi aġġustat fl-2022 skont l-Artikolu 139 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta l-kompożizzjoni tal-kontribuzzjoni tar-Renju Unit u tikkwantifika d-diversi elementi li diġà ġew inklużi fil-fattura ta' April u l-elementi li għandhom jiġu inklużi fil-fattura ta' Settembru li huma magħrufa f'dan l-istadju. L-ammont rivedut tal-kontribuzzjoni tar-Renju Unit inkluż fl-ABE 4/2021 huwa kkalkulat billi jitqiesu l-modalitajiet ta' pagament speċifikati fl-Artikolu 148 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

**Kontribuzzjoni riveduta tar-Renju Unit fl-2021 (f'EUR)**

| | | Referenza għall-Artikolu tal-Ftehim dwar il-Ħruġ | 2021 |
|---|---|---|---|
| **Kontribuzzjoni totali tar-Renju Unit fl-2021, li minnha:** | | | **6 821 468 807** |
| **1.** | **RAL qabel l-2021 – dovuti għall-pagament fl-2021** | Artikolu 140 | 7 171 796 760 |
| **2.** | **Obbligazzjonijiet/pensjonijiet tal-Unjoni** | Artikolu 142 | 10 861 762 |
| **3.** | **Riżorsi proprji tradizzjonali** | Artikolu 140(4), Artikolu 49(2) | -406 761 964 |
| **4.** | **Korrezzjonijiet u aġġustamenti tar-riżorsi proprji, li** | | |
| *4.1* | *Surplus/defiċit tal-2020* | Artikolu 136(3)(a) | *-81 962 641* |
| *4.2* | *Aġġornamenti tal-korrezzjoni għar-Renju Unit (2017-2019)* | Artikolu 136 | *211 363 860* |
| *4.3* | *Bilanċi VAT u ING* | Artikolu 136 | *81 906 199* |
| *4.4* | *Korrezzjonijiet RPT/VAT/ING* | Artikolu 136 | *29 686 725* |
| **5.** | **Multi** | Artikolu 141 | -20 165 707 |
| **6.** | **Obbligazzjonijiet kontinġenti, li minnhom:** | | |
| *6.1* | *ELM, FEIS, FEIŻ, self (fondi ta' garanzija)* | Artikolu 143 | *-93 304 525* |
| *6.2* | *Strumenti Finanzjarji* | Artikolu 144 | *-46 298 550* |
| *6.3* | *Każijiet legali (inklużi multi)* | Artikolu 147 | *20 654 711* |
| **7.** | **Assijiet netti tal-KEFA** | Artikolu 145 | -36 656 456 |
| **8.** | **Investiment tal-FEI** | Artikolu 146 | -6 609 097 |
| **9.** | **Tagħmir u proprjetà oħra relatata mal-provvediment tas-salvagwardji (skont it-Trattat Euratom)** | Artikolu 84(1) | 42 481 |
| **10.** | **Korrezzjonijiet finanzjarji netti relatati mal-2014-2020 jew perjodi ta' programmazzjoni preċedenti** | Artikolu 140 | -13 221 459 |
| **11.** | **Aċċess għan-networks/sistemi/bażijiet ta' *data**** | Art. 34(2), Art. 50 u 53, Art. 62(2), Art. 63(1)(e), Art. 63(2), Art. 99(3), Art. 100(2) | 136 707 |
| **tiddaħħal fil-baġit tal-UE bħala dħul assenjat* | | | |

[17] Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.01.2020, p. 7.

[18] Imsemmi fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 136(3), u fl-Artikoli minn 140 sa 147 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

## 2.8 Multi u pagamenti ta' penali

EUR 496 miljun ta' multi u pagamenti ta' penali ssarrfu mill-1 ta' Jannar sal-1 ta' Ġunju 2021, li minnhom:

- EUR 433 miljun ta' multi tal-kompetizzjoni;
- EUR 2,5 miljun ta' pagamenti ta' multi u pagamenti ta' penali oħrajn;

Fir-rigward taż-żewġ punti ta' hawn fuq, ir-Renju Unit huwa intitolat li jirċievi s-sehem tiegħu skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 141 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

- EUR 61 miljun ta' pagamenti ta' penali u somom f'daqqa imposti fuq Stati Membri li ma osservawx is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar in-nuqqas tagħhom li jissodisfaw obbligu skont it-Trattat.

Għalhekk huwa propost li l-previżjonijiet inizjali introdotti fil-baġit tal-2021 (EUR 100 miljun) jiżdiedu b'EUR 396 miljun.

Fit-tabella ta' hawn taħt hemm id-dettalji għal kull linja baġitarja.

*EUR*

| Linja tad-dħul | Isem | Baġit 2021 | ABE 4/2021 | Ammont ġdid |
|---|---|---|---|---|
| 4 2 0 | Multi b'rabta mal-implimentazzjoni tar-regoli fuq il-kompetizzjoni | 100 000 000 | 332 595 848 | 432 595 848 |
| 4 2 1 | Pagamenti ta' penali u somom f'daqqa imposti fuq Stat Membru | p.m. | 60 714 472 | 60 714 472 |
| 4 2 9 | Pagamenti ta' multi u penali oħrajn mhux assenjati | p.m. | 2 546 600 | 2 546 600 |
| **Total** | | **100 000 000** | **395 856 920** | **495 856 920** |

## 2.9 Kontribuzzjoni tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar

Skont l-Artikolu 145 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, l-Unjoni hija responsabbli lejn ir-Renju Unit għas-sehem tiegħu fl-assi netti tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) f'likwidazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2020 (EUR 183 282 282). Ir-rimborż relatat għandu jsir f'ħames pagamenti akkont annwali (EUR 36 656 456) mill-2021 sal-2025.

Dawn ir-rimborżi għandhom jiġu kkumpensati kompletament bit-trasferiment tas-sehem tar-Renju Unit fl-assi netti tal-KEFA għall-baġit tal-Unjoni fil-forma ta' kontribuzzjonijiet annwali mill-2021 sal-2025. Għal dan il-għan, qed jiġi propost li tinħoloq partita ġdida (6 6 0 4) f'dan l-ABE 4/2021, sabiex jiġu rreġistrati l-kontribuzzjonijiet mill-KEFA f'likwidazzjoni bil-għan li jiġu kkumpensati bis-sħiħ l-effetti tal-ammonti mnaqqsa korrispondenti kontabilizzati fil-kontribuzzjonijiet għall-baġit annwali tal-Unjoni tar-Renju Unit, kif irreġistrati fil-partita 6 6 0 2.

*EUR*

| Linja tad-dħul | Isem | Ammont |
|---|---|---|
| 6 6 0 4 | Kontribuzzjonijiet mill-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) f'likwidazzjoni | 36 656 456 |
| **Total** | | **36 656 456** |